# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 19 ta' Mejju 2017**

**Numru 3**

**Rikors numru 213/2017**

**Francis Bonnici**
***v.***
**Kummissjoni Elettorali**

1. Dan huwa appell ta' Francis Bonnici minn deċiżjoni tal-Uffiċjal Reviżur tat-18 ta' Mejju 2017 li biha ġiet miċħuda t-talba tiegħu sabiex il-Kummissjoni Elettorali tiġi ordnata tirreġistra ismu bħala elettur fir-Reġistru Elettorali u dan għar-raġunijiet segwenti:

   1) Ma ġiex sodisfatt ir-rekwiżit ta' sitt xhur residenza fl-aħħar tmintax-il xahar; (2) ir-rikorrent baqa' ma fornix indirizz ta' residenza tiegħu meta jkun Malta; (3) hemm deċiżjoni preċedenti li biha ġie ordnat il-kanċellament ta' ismu mir-Reġistru Elettorali; (4) r-rikorrent ma tax indirizz fiss fejn jista' jiġi reġistrat il-vot.

2. Rat ir-risposta tal-Kummissjoni Elettorali li biha rrimettiet ruħha għall-ġudizzju tal-Qorti.

3. Semgħet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Kunsiderazzjonijiet**

4. Ir-rekwiżiti skont il-liġi sabiex persuna tikkwalifika biex tkun reġistrata bħala elettur fl-elezzjonijiet ġenerali għall-Kamra tad-Deputati huma (a) li tkun ċittadin ta' Malta (b) tkun għalqet l-eta' ta' tmintax-il sena (c) u tkun residenti f'Malta matul it-tmintax il-xahar minnufih qabel ir-reġistrazzjoni tagħha u tkun hekk residenti għal perjodu kontinwu ta' sitt xhur jew għal perjodi li jammontaw fit-total globali għal sitt xhur.

5. Mill-provi prodotti jirriżulta li ir-rekwiżiti kollha msemmija huma sodisfatti u li għalhekk l-appellant għandu dritt għall-vot u konsegwentement li ismu jkun reġistrat fir-Reġistru Elettorali bħala elettur.

6. Fil-kors tas-smigħ tal-provi l-appellant indika bħala r-residenza tiegħu f'Malta indirizz f'Ħal Tarxien u ċioe' 3, The Burrow, Triq Santa Marija, Sqaq Nru. 4, Ħal Tarxien li huwa ukoll l-indirizz reġistrat fuq il-karta tal-identita' tiegħu. In vista taċ-ċirkostanzi personali tal-appellant li rriżultaw fil-kors tas-smigħ tal-appell id-

dokument tal-vot għandu jiġi ikkonsenjat l-għassa ta' Ħal Tarxien minn fejn l-appellat ikun jista' jirtirah.

7. B'riferenza għall-osservazzjoni tal-Uffiċjal Reviżur li hemm deċiżjoni preċedenti tal-Qorti li llum hija res judicata, din il-Qorti tirrileva li dik id-deċiżjoni ingħatat fit-18 ta' Frar 2016 minn dik id-data 'l hawn iċ-ċirkostanzi setgħu faċilment inbidlu u llum irriżultaw li huma tali li jikkwalifikawh bħala elettur.

Għaldaqstant il-Qorti tilqa' l-appell tħassar id-deċiżjoni appellata tal-Uffiċjal Reviżur u tordna lill-Kummissjoni Elettorali tirreġistra isem tal-appellant bħala elettur fir-Reġistru Elettorali fl-indirizz tiegħu muri aktar 'l fuq.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |